Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 20 ta' Mejju 2024**

**Distrett Valletta**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**

**Versus**

**Raisa Brincat Newell (64991M)**
**Chris Brincat (26785M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Raisa Brincat Newell** detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 64991M.

u kontra **Chris Brincat** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 26785M.

Akkuzati talli b'diversi atti maghmulin minnhom ukoll jekk fi zminjiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, nhar l-4 t'Ottubru 2021 kif ukoll fil-jiem u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-gzejjer :

1. Naqsu li jirregistraw il-kirja tal-fond bin-numru 21, Triq San Tumas, il-Furjana, f'isem Hashem Omran, fi zmien ghaxart (10) ijiem mill-bidu tal-kirja, il-kuntratt ta' kiri residenzjali privat, mal-Awtorita' tad-Djar.

Il-Qorti hija gentilment mitluba tordna lill-hatja, ai termini tal-Artikolu 22(1) tal-Kapitolu 604 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex ihallsu il-penali skont il-ligi.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-paritjiet

**Ikkunsidrat**

Illi xehed Hashem Omran fejn qal illi kien kera il-fond tramite Quicklets, fi Triq il-Furjana, triq ma' genb il-Kazin Laburista u kien iffirma l-kuntratt ma' Kevin Newell, li kien is-sid. Hu gharaf lill-imputati Chris u s-sinjura, izda ma kienx jaf x'jisimha, ghax kellhom cafeteria il-Furjana, u Kevin kien qallu biex jhalli l-flus tal-kirja li kienu ghal Kevin maghhom. Gie ipprezentat kopja tal-kuntratt immarkat Dok HO1 li kien tigdid tal-kuntratt, fejn ix-xhud gharaf il-firma tieghu, u li kien iffirmah ukoll Chris li gharaf fl-awla, li kien jigi minn Kevin Newell, u Milan l-agent tal-Quicklets. Hu kien mar japplika ghas-sussidju fuq il-kirja mal-Housing u kienu talbuh id-dokument tar-registrazzjoni tal-kera, ghax meta tahom il-kuntratt tal-kera, qalulu li ma kienx irregistrat. Hu kien ghamel xi sena fil-kirja. Kevin kien qallu li persuna ohra kienet ser tiffirma ghalih, u qallu ukoll sabiex ihalli l-flus fil-cafeteria. Dawn il-flus li kien ihalli kienu ghal Kevin.

Illi xehed Chris Casha, in rapprezentanza tal-Housing Authourity fejn qal illi Dok HO1 huwa kuntratt li sar fid-9 ta' Gunju 2020 bil-kera ta' €400 fix-xahar, u renewal li sar fil-25 ta' Gunju 2021 bil-kera ta' €500 fix-xahar. Dawn kienu ghaddewhomlu s-sezzjoni skemi, peress illi kienet saret applikazzjoni ghas-sussidju, u l-kuntratt ma kienx irregistrat mal-Housing. Fuq il-kuntratt kienu deheru Chris Brincat u Raisa Newell Brincat bhala sidien tal-kera u Omran Hashem bhala l-inkwilin fuq il-post 21, Triq San Tumas, Floriana. Raisa kienet bghatet e-mail f'Novembru 2021, fl-indirizz eletroniku ufficjali tal-Housing, fejn iddikjarat illi l-post kien vakanti. Hu ma kienx jaf min kien is-sid imma isem l-imputati kien jidher fuq il-kuntratt.

Illi xehed l-imputat Chris Brincat fejn qal illi Kevin Newell kien missier il-mara tieghu, u l-mara kienet tehodlu hsieb xi affarijiet ghax kien marid u fil-fatt kien miet f'Gunju 2023. Ikkonferma li hu kien iffirma l-kuntratt, izda l-post kien tal-kunjatu. Kien jaf lil Omran ghax gieli kien jmur jiehu kafe ghandu, u kien ihalli l-flus tal-kera, u hu kien jghaddihom lil Kevin Newell. Ikkonferma li fuq id-dokument HO1 kien hemm il-firma tieghu

u fuq il-kuntratt hemm miktub li hu Chris Brincat kien qed jikri l-fond lil Omran, izda ghalkemm hemm il-firma tieghu, il-post ma kienx tieghu, izda hu ma kienx iffirma renewal. L-eredi ta' Kevin Newell kienu il-mara tieghu Raisa u huha.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

Illi din il-kawza nfethet fil-konfront tal-imputati ghax kienu huma li dehru fuq il-kuntratt tal-kera. Ghalkemm mix-xhieda kemm tal-inkwilin kif ukoll ta' wiehed mill-imputati Chris Brincat, jidher illi il-post dak iz-zmien kien ta' Kevin Newell u hu kien ftiehem mal-inkwilin u kien qal lill- inkwilin biex jhalli l-kera fil-cafeteria tal-imputati.

Illi wara li rat d-d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali u semghat ix-xhieda, il-Qorti hija konvinta illi l-akkuza migjuba fil-konfront ta' l-imputati ma gietx ppruvata sal-grad rikjest mill-Ligi.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill- **imputati mhux hatja** ta' l-akkuza migjuba kontrihom u qed tilliberhom minnha.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**